# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25

Il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2026

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2026 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

25.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

25.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 24 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

25.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

25.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

25.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri preżenti li ġew konklużi x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-pavimentar u l-*istormwater culvert* tal-Pjazza tal-Knisja.

25.3.2 Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jorganizza ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li din issir nhar it-Tlieta 31 ta' Marzu 2026 filgħodu fejn nibdew b'quddiesa, inżuru xi wirjiet ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira u wara ssir attivita' soċjali ġo stabbiliment. Il-Kunsill ser ikun qed joħroġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'.

### 25.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

25.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis issuġġeriet sabiex bħalma sar xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istormwater culvert tal-Pjazza tal-Knisja fil-

Munxar, isir ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq dak ta' Triq Dun Alan Fenech fil-Munxar minħabba l-ħsejjes li jkun hemm x'ħin jgħaddu l-karozzi minn fuqu u minħabba nuqqas ta' aċċess biex jitnaddaf. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

25.4.2 Il-Kunsillier John Cassar ressaq suġġeriment f'isem resident sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq bankina fi Triq Kolaċi k/ma Triq L-Isqawi fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan ix-xogħol.
Huwa staqsa wkoll dwar il-problema tal-ilma tax-xita li qed jiffaċċjaw uħud mir-residenti fi Triq San Pawl fil-Munxar. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill issottometta lista ta' toroq li jeħtieġu intervent mill-Gvern Ċentrali wara li kien irċieva korrispondenza mill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar, hekk kif diskuss fil-laqgħa numru 21. Is-Sindku għarraf lill-membri li Triq San Pawl fil-Munxar hija waħda mit-toroq sottomessi f'din il-lista u meta jkunu se jsiru x-xogħlijiet il-Kunsill ser jipproponi li jsir *stormwater culvert* biex din il-problema ta' wħud mir-residenti tiġi ndirizzata. Madanakollu, is-Sindku saħaq li l-Kunsill għandu jkun mgħarraf mill-Gvern Ċentrali meta se jsiru x-xogħlijiet fuq dawn it-toroq kif ukoll l-ordni ta' prijorita' li se jkunu qed jimxu biha.

## 25.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

25.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar il-proċess sabiex ikun jista' jibda jiġi mplimentat il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Ġnien Ġebla tal-Poplu. Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja permezz tal-iskema SPI/SCI/07/2025 ġiet milqugħa u l-ftehim ġie ffirmat. Issa fil-jiem li ġejjin is-Sindku ser ikun qed jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiffinalizzaw id-dettalji fuq il-pjanti sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni għall-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

25.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li s-sejħa għall-offerti sabiex jiġi nstallat *railing* ġdid fil-parti ta' fuq ta' Triq San Xmun fix-Xlendi ġiet ippubblikata u għalhekk kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jaħtar il-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord se jkun magħmul mis-Sindku bħala *chairperson*, is-Segretarju Eżekuttiv bħala segretarju tal-bord, filwaqt li l-Accountant Daniel Galea, l-Inġinier Mario Cauchi u l-Inġinier Jeffrey Muscat bħala evalwaturi tal-bord.

25.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li fix-xahar t'April mistenni jibda x-xogħol tal-qlugħ u tibdil taż-żewġ palmiet fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi.

25.5.4 Is-Sindku fakkar lill-membri li l-edizzjoni li jmiss tal-*Fireworks and Gastronomy Festival* se ssir fis-26 ta'Ġunju 2026 u mhux f'April bħal snin passati. Il-Kunsill beda x-xogħol fuq il-programm tal-attivita' u l-ordnijiet tas-servizzi u x-xogħlijiet meħtieġa.

25.5.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddejja b'ħidma sabiex il-Kunsill jottjeni l-permessi neċessarji biex jiġu nstallati d-dwal dekorattiv fi Triq Rumani u Triq Kavallier fix-Xlendi, kif ukoll għarraf lill-membri li ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur.

## 25.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

25.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika li fiha jiġu ppreżentati r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.
Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa 10 t'April 2026 fil-5.00 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'.

## 25.7 Festa ta' San Pawl Nawfragu 2026;

25.7.1 Is-Sindku informa lill-membri li ltaqa' mal-voluntiera tal-festa tar-raħal fejn ġie mgħarraf bil-programm t'attivitajiet li ser ikun hemm filwaqt li saret talba sabiex il-Kunsill jassisti bħas-snin passati.

25.7.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalma jsir kull sena, Il-Kunsill jieħu ħsieb it-tindif u l-ħasil wara kull ġurnata li jkun hemm xi attivita', jipprovdi *mobile toilets* fil-pjazza kif ukoll fi Triq Profs Ġuże Aquilina, u jipprovdi *bins on wheels* fil-Pjazza tal-Knisja. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti dwar dan.

25.7.3 Il-Kunsill ukoll jieħu ħsieb jinforma lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-għeluq tat-toroq għal dawn iż-żminijiet.

25.7.4 Fir-rigward tal-attivitajiet mtella' f'dawn iż-żminijiet b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa u mas-Sezzjoni Zgħażagħ Pawlini Munxarin, il-Kunsill jorganizza Festa Tfal li din is-sena ser tkun nhar is-Sibt 23 ta' Mejju 2026, kif ukoll jikkollabora fl-attivitajiet soċjali bejn il-25 u t-30 ta' Mejju 2026. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti dwar dan.

25.7.5 Is-Sindku għarraf ukoll li, bħal snin oħra, il-Parroċċa, bħala parti mir-rekwiżiti biex takkwista l-permessi tal-Pulizija għall-festa, titlob lill-Kunsill jekk isibx oġġezzjoni sabiex isiru l-attivitajiet kollha marbuta mal-festa, sabiex jinħaraq il-logħob tan-nar kif ukoll sabiex jinfetaħ *bar* eżatt quddiem il-*bar* taċ-Ċentru Parrokkjali fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar. Dwar dan, il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti u tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurta' ta' dawk involuti u l-pubbliku inġenerali li jattendi.

**25.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

25.8.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- "Charity ride with Matthew" mill-Kunsill Lokali Għarb – 19 ta' Marzu 2026;
- "The Shipwreck Festival" minn Heritage Malta f'Xatt ix-Xlendi – 21 t'Awwissu 2026;
- "Vintage Motors Festival 2026" minn FMVA fi Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 19 t'April 2026;

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni ġaladarba jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u jkun hemm in-*no objection* tal-Pulizija u ta' Transport Malta fejn applikabbli.

25.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jissottometti l-interess u informazzjoni dwar servizz ta' transport fil-komunita'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jissottometti l-interess tiegħu.

25.8.3 Il-Kunsill irċieva tagħrif dwar id-data tal-irtirar ta' ħaddiem allokat mal-Kunsill Lokali. Il-Kunisll filwaqt li nnotaw il-kontenut tal-korrispondenza, rringrazzjawh tal-ħidma tiegħu fil-lokalita'.

25.8.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija Melita Ltd dwar installazzjoni ta' kabinetti tat-telekomunikazzjoni meħtieġa biex

isir tisħiħ fl-infrastruttura tas-servizzi tagħhom. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex il-Kunsill jikkonsulta mar-residenti affetwati qabel ma jagħti n-*no objection* tiegħu.

25.8.5 Il-Kunsill irċieva korrispondena mingħand id-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali b'inizjattiva li qed tippromwovi l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu biex jinstallaw libreriji żgħar fil-komunita' u jiprovdu kotba għalihom mingħajr l-ebda spiża għall-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jissottometti l-interess biex jiġu nstallati żewġ libreriji żgħar, waħda fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina u oħra fi Ġnien il-Ġebla tal-Poplu fil-Munxar.

25.8.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar applikazzjoni għall-fondi ewropej varata mill-Awtorita' Maltija tal-Innovazzjoni Diġitali sabiex grupp ta' Kunsilli Lokali jisfruttaw l-intelliġenza artifiċjali biex jiffaċilitaw ċertu sfidi li jiltaqgħu magħhom ir-residenti. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill japlika għal dawn il-fondi.

25.8.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal dwar TFULIJA Quality Label. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.8 Ċirkulari Numru 1/2026 maħruġa mid-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance) – Chart of Accounts (COA). Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jaderixxi ma' din iċ-ċirkulari.

25.8.9 Ċirkulari Numru 2/2026 maħruġa mid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali – *Allowance* ta' Servizz fit-Tul. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.10 Ċirkulari SPI/SCI/01/2026 – Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall attività sa massimu ta' €20,000 (inkluża l-VAT). Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l applikazzjoni għall-massimu tal-finanzjament.

25.8.11 Ċirkulari SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni b'rabta mal-World Cleanup Day li jorganizza kull sena l-Kunsill f'Settembru 2026.

25.8.12 Ċirkulari SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament - Milied 2026. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall attività sa massimu ta' €15,000 (inkluża l-VAT). Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l applikazzjoni għall-massimu tal-finanzjament b'rabta mal-attivitajiet annwali li jorganizza l-Kunsill "December to Remember" f'Diċembru 2026.

25.8.13 Ċirkulari SPI/SCI/04/2026 – Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' €30,000 (inkluż l-VAT). Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Il-Kunsill innota l kontenut u se jkun qed jerġa' jiddiskuti din iċ-ċirkulari f'laqgħa aktar 'il quddiem.

25.8.14 Ċirkulari SPI/SCI/05/2026 – Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' €100,000 (inkluż l-VAT). Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Il-Kunsill innota l-kontenut u filwaqt li kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l applikazzjoni, se jkun qed jerġa' jiddiskuti din iċ-ċirkulari f'laqgħa aktar 'il quddiem.

25.8.15 Ċirkulari SPI/SCI/06/2026 – Finanzjament - Karnival 2027. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni għall-massimu tal-finanzjament biex issir l-attivita' tal-Karnival nhar il-Ħamis 4 ta' Frar 2027.

25.8.16 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex b'rabta ma' finanzjament ta' skema reġjonali – Sena tal-Gastronomija 2026. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa din l-applikazjzoni għall-massimu tal-finanzjament biex tkopri parti oħra mill-ispejjeż tal-attivita' *Fireworks and Gastronomy Festival* li se jsir nhar is-26 ta' Ġunju 2026 fi Triq L-Isqawi fil-Munxar.

25.8.17 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali dwar it-tieni sejħa għall-inizjattiva 'Minn Pjazza għal Pjazza'. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex il-Kunsilli jissottometti l-applikazzjoni biex minn din l-iskema il-Kunsill jorganizza attivita' fil-Munxar u oħra fix-Xlendi. L-ewwel attività, is-

Sibt 26 ta' Settembru 2026 fix-Xlendi, ser tiffoka fuq il-wirt marittimu u t-tradizzjonijiet tas-sajd, filwaqt li t-tieni attività, il-Ħadd 27 ta' Settembru 2026 fil-Munxar, tkun attivita' marbuta mal-Festa ta' San Franġisk b'enfasi fuq l-annimali, in-natura u l-ħajja rurali.

25.8.18 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta dwar applikazzjoni għal tqegħid ta' xi posta jew kiosk. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.19 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand uffiċċjali fi ħdan l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi għal xi informazzjoni dwar il-kollaborazzjoni biex tiġi ndirizzata s-sitwazzjoni preżenti tad-dwal fi Triq il-Kantra fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser jibgħat l-informazzjoni rikjesta.

25.8.20 PQ 34820 – Kunsilli Lokali – Ħmieġ tal-annimali - Miżuri. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

25.8.21 PQ 33703 – Kunsilli Lokali – Kiri ta' uffiċini. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

25.8.22 Ċirkulari Nru AKL 2026/019 – ARLEM Award – Young Local Entrepreneurship in the Mediterranean. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.23 Ċirkulari Nru AKL 2026/020 – GOVTech4ALL – Malta Local Councils AI Pilot. Il-Kunsill innota l-kontenut u kif diskuss aktar kmieni f'din il-laqgħa il-Kunsill ser ikun qed japplika għal din l-opportunita'.

25.8.24 Ċirkulari Nru AKL 2026/021 – Aġġornament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għall-attivitajiet esterni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.25 Ċirkulari Nru AKL 2026/022 – Green Space Survey. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.26 Ċirkulari Nru AKL 2026/023 – ALDA General Assembly 2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.27 Ċirkulari Nru AKL 2026/024 – Young Elected Politicians Programme. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.28 Ċirkulari Nru AKL 2026/025 – Invitation: Ethical AI in Local governance Workshop – March 24, 2026 (Limited Spots). Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.29 Ċirkulari Nru AKL 2026/026 – Central Bank of Malta – Eurosteps Walking Challenge. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.8.30 Ilment 84/2026
Talba sabiex isir xogħol ta' patching fit-triq li tagħti għal Għajn Tuta. Kien hemm qbil mill-membri li jsir dan ix-xogħol.

25.8.31 Ilment 85/2026
Suġġeriment sabiex jerġgħu jinżebgħu t-tabelli tal-*wood plastic composite* li hawn fil-lokalita' minħabba li m'għadhomx ċari speċjalment dik tax-Xadba li tindika 'Sanap Cliffs'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jinżebgħu t-tabelli kollha simili li għandhom bżonn.

25.8.32 Ilment 86/2026
Talba sabiex isir parkeġġ riżervat għas-servizzi tal-Knisja tax-Xlendi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u kien hemm qbil biex titressaq għall-approvazzjoni ta' Trasport Malta.

## 25.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

25.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 25/2026-9 għall-perjodu bejn il-21 ta' Frar 2026 u l-20 ta' Marzu 2026 li tammonta għal €26,471.91 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Farrugia is-sekondant.

## 25.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 10 t'April 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ġimgħa 10 t'April 2026.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv